**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana, LL.D., LL.M (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-11 ta' Dicembru 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Chalie Muscat**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Chalie Muscat, bin John Mary Muscat u Victoria Muscat nee Sultana, imwieled fil-05 ta' Frar, 1978, u residenti gewwa 78, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, detentur tal-karta tal-identita' nru. 5178G:

Talli nhar it-30 ta' Marzu 2019, ghall-habta tal-17:10 waqt li kien qed isuq vettura numru ABH 123 ta' l-ghamla Toyota Tercel, fi Triq il-Gharb, limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex:

(1) Saq vettura bil-mutur bin-numru ABH123 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz (Kap 65 Art 15(1)(a));

(2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura billi acceda l-limitu ta' velocita' waqt li kien ghaddej minn barra belt jew rahal (L.S. 65.11 Art. 127(1) );

(3) Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta Olgun Ilker, karta ta'l-identita Franciza Nru: 160513300588 skont kif iccertifikat minn Dr. Peter Muscat MD ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex (Kap9 Art 226(1)).

Il-Qorti ntalbet illi f'kaz ta' htija tisspospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-akkuzat ghall-perjodu li jidrilha xieraq.

Rat illi matul is-seduta tat-03 ta' April, 2019 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament;

Rat li matul l-istess seduta l-Ufficjal Prosekutur esebixxa l-affdavits ta' PS 1301 u PS 1040;

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Gunju 2020, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduci;

Rat illi fis-seduta ta' l-04 ta' Settembru, 2020 l-imputat ghazel li ma jixhidx, id-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq, il-prosekuzzjoni striehet fuq il-provi u rrimettiet ruhha, u saret trattazzjoni mill-avukat ta' l-akkuzat.

Rat illi fl-istess seduta l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-11 ta Dicembru, 2020.

Rat id-dokumenti kollha prezentati, hadet konjizzjoni tax-xiehda prodotti, semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat.**

Illi skont il-fatti riskontrati jidher li nhar it-30 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-hamsa u ghaxra ta' wara nofs inhar Chalie Muscat kien qed isuq vettura tal-ghamla Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzjoni ABH123 fi Triq il-Gharb, limiti ta' l-Ghasri fl-inhawi maghrufa bhala "Wilderness". Mieghu kellu liz-zewg uliedu minuri u ommu rekbin fuq wara u l-habiba ta' ommu, li fuqha hija registratat l-vettura msemmija, riekba fuq quddiem ma' genbu.

Fl-istess triq inzerta li kien hemm grupp ta' zaghzagh francizi li kienu gew ghall-btala Ghawdex. Dawn nizlu minn fuq ix-xarabank, fuq l-stage li hemm fl-istess triq. Uhud miz-zaghzagh qasmu ghan-naha l-ohra tat-triq. Wiehed miz-zaghzagh mar biex jaqsam ghal warajhom u fil-hin u l-mument sehh l-incident billi ntlaqat mill-vettura misjuqa mill-akkuzat. L-akkuzat ma waqafx sobtu izda baqa' isuq ghal ftit imbaghad rega' lura u tefa' mal-genb. Kien hemm xi nies illi kienu qed jaghmlu passiggata fuq in-naha l-ohra tat-triq. Dawn waqfu u ssejhet l-ambulanza u l-pulizija. F'din l-istess triq hemm zewg "*pedestrian crossings*" u skont ix-xhieda tal-persuni li kienu ghaddejjin minn fuq il-post, meta s-sinistrat qasam it-triq ma uza l-ebda wahda minnhom.

L-akkuzat qieghed quddiem din il-Qorti jigi akkuzat illi:

1) saq vettura b'nuqqas ta kont, traskuragni jew b'mod perikoluz (Art 15(1)(a) Kap 65 );
2) acceda l-limitu ta' velocita' waqt li kien ghaddej minn barra belt jew rahal ( Art 127 (1) Legislazzjoni Sussidjarja 65.11);
3) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq

il-persuna ta' Olgun Ilker u dana skont certifikat rilaxxat minn Dr. Peter Muscat ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex (Art 226(1) Kap.9)

**Ikkunsidrat.**

Provi.

Fis-seduta tat- 3 ta` April, 2019 gew ipprezentati mill-prosekuzzjoni zewg affidavits wiehed ta PS 1301Christian Bonello[1] u PS1040 John Grima[2].

Fl-affidavit tieghu PS 1301 jafferma li fit-30 ta' Marzu, 2019 ghall-habta ta' 17:15hrs l-ghassa tar-Rabat Ghawdex, dahlet telefonata li kien sehh incident stradali. Jghid li huwa nforma lil PS1040 li min-naha tieghu mar fuq is-sit ta' l-incident u nfurmah lura li kien hemm persuna ta' nazzjonalita' franciza li ttiehdet l-isptar b'ambulanza. Aktar tard PS1301 mar hu stess fuq il-post u fuq il-lok ta' l-incident ra l-karozza Toyota Trecel ABH123. Hu ghamel l-iskizz ta' l-incident kif ukoll ha l-verzjoni tax-xufier, l-akkuzat Chalie Muscat u tal-passigieri adulti li kien hemm fil-vettura fil-mument ta' l-incident.

Jghid li nnota li l-*visor* tax-xemx in-naha tax-xufier kienet imtella'. Meta kellem lix-xufier dan infurmah illi huwa kien liebes in-nuccali tax-xemx. Infatti b'rabta ma' dan fl-okkorrenza[3] jirrizulta li l-akkuzat stqarr ukoll illi x-xemx kienet ghamietu.

PS1040 John Grima jghid li malli gie nfurmat illi kien hemm incident stradali fejn il-"*Wilderness*" acceda fuq il-post. Malli wasal fil-lok u qabez il-Bus Stop San Niklaw fid-direzzjoni ta' l-Gharb ra persuna ma' l-art.

---

[1] A fol.4 sa 5 tal-process
[2] A fol.23 sa 27 tal-process
[3] A fol 6 sa fol 19 tal-process

Jghid li hu ha ritratt[4] tal-vittma hekk kif waslet l-ambulanza. Jghid ukoll li tkellem ma xi nies li kienu raw l-incident isehh u kien infurmat li s-sinistrat ipprova jaqsam it-triq, tfaccat il-karozza misjuqa mill-akkuzat u laqtitu.

Jirraporta li skont ma jirrizulta minn dak li qalulu n-nies li raw l-incident il-guvni ntlaqat mill-karozza u tar fl-ajru. Wahda mix-xhieda ta' l-incident Maria Mercieca stqarret mieghu li hija rat lill-grupp ta' zaghzagh niezel mix-xarabank. Rat lis-sinistrat ihares fid-direzzjoni tar-Rabat biex jaqsam. Qalet ukoll li hija rat il-karozza ta' l-akkuzat gejja mid-direzzjoni tar-Rabat. Il-karozza ma kinitx ghaddejja b'velocita' esagerata u laqtet lill-guvni. Qaltlu wkoll li l-karozza baqghet sejra ghal ftit u mbaghad irriversjat lura.

PS 1040 kellem ukoll lill-grupp ta' zaghzagh li ndikawlu sa fejn kien wasal is-sinistrat meta ntlaqat. Ma' l-art fejn indikawlu kien hemm it-tabella ta' flixkun ta' l-ilma u hu ghalhekk indika l-post b'cirku ahmar. Dawn iz-zaghzagh allegaw li l-vettura kienet ghaddejja b'velocita' ta' 90/100km fis-siegha.

PS1040 jafferma li ma l-art ma kienx hemm sinjal ta' brejkijiet u li x-xemx kienet niezla faccata tas-sewwieq. Jghid li l-akkuzat indikalu l-post fejn waqaf qabel ma rriversja u dan kien 12.5 metri 'l boghod mill-arblu 21 immarkat fl-iskizz.

Xehdu wkoll il-membri tal-grupp ta' zaghzagh francizi li kienu mas-sinistrat dak inhar li sehh l-incident[5]. Dan ghamluh bl-ghajnuna ta' interpretu. Minn dak li xehdu jirrizulta li dak inhar dawn iz-zaghzagh kienu ghadhom kif nizlu mix-xarabank. Kienu qed jippruvaw isibu d-direzzjoni ta' fejn kellhom imorru sabiex isibu d-dar li fiha kellhom iqattghu l-btala taghhom. Filwaqt li grupp qasam it-triq fejn sehh l-

---

[4] A fol 25 tal-process

[5] Ara xhieda fis-seduta tat-3 ta' Aprl, 2019 a fol 28 sa 48 tal-process

incident, is-sinistrat kien ghadu warajhom[6]. Huma jghidu li fit-triq ma kienx hemm karozzi. X'hin kien qed jaqsam is-sinistrat giet karozza li kienet qed issuq imghaggla u laqtitu. Jirrizulta wkoll li dak il-hin kienet niezla x-xemx. Mistoqsija jekk kienux raw iz-*zebra crossing*, jghidu illi lanqas kienu ttendew biha.

Ix-xhud **Malik Seghir Chinoune** ghamel osservazzjoni mportanti u afferma li l-karozza nvoluta fl-incident ma waqfitx fuq il-post izda waqfet iktar 'il boghod[7]. Ftakar il-vettura minghajr problem infatti qal li kienet Toyota hadra u anke identifika lix-xufier bhala l-imputat. Dan ix-xhud ikkonferma li fit-triq fejn sehh l-incident hemm zewg "*pedestrian crossings*". Din il-verzjoni kienet ikkorroborata mix-xhud **Jean Claude Mihidjay**.

Is-sinistrat **Ilker Olgun** xehed mill-Isptar Generali ta Ghawdex[8]. Huwa jixhed illi l-ewwel qasmu tnejn minn shabu u mbaghad mar jaqsam hu. Kien qed igorr pakkett ilma u kien wara nofsinhar. Jghid illi fit-triq ma kien hemm xejn, ma kienx hemm karozzi. Jixhed illi meta ntlaqat mill-karozza ma kienx fuq l-bankina u ma kienx 'il barra hafna. Jghid illi kien fuq iz-*zebra crossing*.

Xehed ukoll it-tabib Dottor Peter Muscat[9] li qal lis-sinistrat ghamlulu *polytrauma Ct scan* minhabba l-incident. Kompla jghid illi wara li sarlu anke *CT Brain* instab li kellu ammont zghir ta' demm migbur f'rasu[10]. Ma kellux ksur f'rasu imma kellu gundalla fuq in-naha tal-lemin ta' rasu. Barra minn hekk kien qed isofri wkoll minn kollass zghir tal-pulmun fuq in-naha tal-lemin, kif ukoll tbengil fil pulmun fuq iz-zewg nahat. Ir-rizultat ta *CT scan* ta' zaqqu wera li kien qed isofri minn ticritiet gol-fwied[11], imma ma kienx qed jitlef demm minnu.

---

6 Ara xhieda 3 ta' April,2019 a fol 42 tal-process
7 Ara xhieda 3 ta' April, 2019 a fol 43 tal-process
8 Ara xhieda 4 ta' April, 2019 minn a fol 51 sa fol 53 tal-process
9 Seduta 14 ta' Gunju, 2019 a fol 56 sa fol 58 tal-process
10 *Small subarachnoid bleeding* deskritt a fol 56 tal-process
11 *Intrahepatic lacerations* a fol 56 tal-process

Jghid ukoll illi mill-X rays li ttiehdu rrizulta li s-sinistrat kellu ksur fis-seba' kustilja fuq in-naha tal-lemin kif ukoll ksur fuq in-naha t'isfel tax-xewka tad-dahar, li ma kinitx barra minn postha[12]. Kellu ksur ta zewg ghadmiet ta' siequ l-leminija – *it-tibia* u *fibula*, kif ukoll ksur fil- polz. Huwa kklassifika l-griehi bhala ta' natura gravi izda ddikjara li s-sinistrat ma kienx fil-periklu li jitlef hajtu.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tinnota li mill-atti jirrizulta li l-fatti mhux kontestati huma li s-sinstrat intlaqat minn karozza misjuqa mill-akkuzat, it-Triq li fiha sehh l-incident hija dritta, kienet niezla x-xemx u hemm ukoll zewg "*pedestrian crossings*". Pero' jirrizulta wkoll li hemm zewg fatti – wahda l-velocita' tal-karozza nvoluta fl-incident u l-ohra l-post ezatt fit-triq minn fejn kien qed jaqsam is-sinistart meta sehh l-impatt mal-vettura - li dwarhom hemm xhieda konfliggenti. Sta ghalhekk ghal din il-Qort illi tezamina l-fatti kollha nkluz ix-xhieda moghtija sabiex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha u dan fil-konfront ta' l-akkuzi migjuba kontra l-imputat.

Hu principju assodat fil-gurisprudenza Maltija li min jallega jrid jipprova dak allegat minnu u dan il-principju japplika kemm ghall-allegazzjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni kif ukoll dawk maghmula mid-Difiza. Dan dejjem salv pero' ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-imputat u ghad-dritt ghas-silenzju li l-imputat igawdi minnhom. U apparti d-differenza fil-grad tal-prova mehtiega mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza meta jigu biex jippruvaw fatti allegati minnhom.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne** mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il- kriterji

[12] *Undisplaced fracture sacrum*

enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success, is-sub-artikolu (2) ta' l-istess Artikolu jippostula li xhud wiehed wahdu jekk emnut huwa sufficjenti.

Ukoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li ghal dak li jirrigwarda xiehda ta' eta' minuri, xiehda ta' l-imputat kif ukoll ix-xiehda ta' persuni li huma klassifikati taht l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtieġa x-xiehda taghhom, jew fir-rizultat tal-kawza , id-deciżjoni (dwar il-kredibbilta taghhom) tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Tenut kont ta' dan il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tqis l-akkuzi migjuba kontra Chalie Muscat.

**L-ewwel akkuza** migjuba kontra dan l-imputat hija li saq vettura b'nuqqas ta' kont, traskuragni jew b'mod perikoluz u dana bi ksur ta' l-Art 15(1)(a) Kap 65.

Illi skont gurisprudenza nostrana[13],

*"Jekk sewqan hux (1) negligenti; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom l-aghar*

[13] Il-Pulizija vs Kevin Caruana , Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), deciza 3 ta' April 2003

*is-sewqan perikoluz. Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness". "Recklessness" giet definita bhala "wilfully shutting one's eye".*

*Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali. Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghall-kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz tal-prova biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi l-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hu veru li skont gurisprudenza aktar ricenti, it-teorija ta' "res ipsa loquitur" f'materja penali m'ghadhiex aktar tigi applikata mill-Qrati taghna, pero', jistghu jirrizultaw certi provi ndizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq."*

Barra minn hekk huwa wkoll stabbilit li *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel."*[14]

[14] Il-Pulizija vs Andre Apap, Appell Kriminali, deciza 4 ta Frar, 2011.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament il-Qorti tinnota li fil-kaz in ezami gie rilevat li t-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta u ghalhekk is-sewwieq seta' facilment jara quddiemu. Jirrizulta wkoll li fil-hin ta' l-incident kienet niezla x-xemx. Dan jidher car hafna anke mir-ritratti esebiti. Il-Pulizija PC1301 xehed illi nnota illi l-visor tax-xemx ma kinitx imnizzla u li meta gibed l-attenzjoni tal-konducent dan gharrfu illi huwa kien liebes in-nuccali ta-xemx. Di piu mill-okkorrenza jirrizulta li l-akkuzat innifsu afferma li fil-hin ta' l-incident ix-xemx kienet f'ghajnejh tant li ghamietu[15]. Dan ifisser li n-nuccali tax-xemx ma kienx effettiv tant li s-sewwieq ghamietu d-dija tax-xemx. Mill-iskizz jirrizulta li l-"*point of impact*", kien 2.1m 'il boghod mill-bankina, ftit 'il boghod mill-linja tan-nofs li taqsam il-karreggjat tal-lemin ninn dik tax-xellug. Kif rappurtat fl-okkorrenza l-vettura garrbet hsarat fil-*windscreen*, fis-saqaf, fil-mirja n-naha tal-passiggier, fil-bumper in-naha tal-passiggier. Meta l-Qorti tizen dawn il-fatti kollha mehudin flimkien tasal biex tikkonkludi li s-sewwieq ma rax lis-sinistrat, li kien wasal kwazi f'nofs it-triq. Jerga jinghad li din hija triq dritta fejn konducent ta' vettura jista' jara t-triq kollha miftuha quddiemu. F'dan il-kaz ma garax hekk. Hekk kif gie ritenut fil-kaz sopra citat dawn il-fatturi flimkien jammontaw ghal "*circumstantial evidence*" li twassal ghall-holqien ta' prezunzjoni ta' fatt. Issa huwa minnu li kif argumentat id-difiza ma kienx hemm marki ta' brejkijiet ma' l-art pero' huwa fatt ammess anke mill-akkuzat li ma' l-impatt huwa ma ghafasx il-pedala tal-brake izda baqa' jsuq u dan minkejja li l-impatt mas-sinistrat instema' sew ghax min kien miexi fit-triq tant semghu li dar biex jara. Anke l-persuni l-ohra li kienu riekba fil-vettura xehdu li semghu d-daqqa. Is-sinistrat ukoll stqarr fl-okkorrenza li sema' daqqa izda ammetta wkoll li baqa' sejjer imbaghad waqaf aktar 'il fuq u rega' lura. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li s-sewwieq tant ma kienx qed jara minhabba x-xemx li ma ndunax mill-ewwel li kien laqat persuna billi bix-xemx f'ghajnejh lanqas kien induna li hemm persuna qed taqsam. Bix-xemx dritta f'ghajnejh kien qed isuq bl-amment.

[15] A fol 8 tal-process.

F'dan l-istadju jrid jinghad illi s-sewwieq ta' vettura huwa wkoll obbligat li jzomm *proper lookout*. X'jikkostitwixxi *"proper lookout"* gie kjarament definit hekk mill-Qrati Maltin[16] :

"*Dak li jikkostitwixxi proper lookout ivarja minn kaz ghall-iehor. Imma l-principju generali huwa wiehed. Sewwieq ghandu jkun f'posizzjoni li jirreagixxi ghall-azzjoni jew agir sorprendenti li jista' jitfacca fit-triq. Dan hu dettat mill-prudenza u l-ligi.*"

Mill-provi fil-kaz odjern jirrizulta l-kuntrarju, tant li sehh l-incident. In oltre gie ritenut li hu "*dover ta' "driver to see what is in plain view*[17]" , "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout*"[18]. Matul il-kawza rrizulta wkoll li s-sinistrat ma kienx qed juza l-*pedestrian crossing* meta kien qed jaqasm it-triq. Madankollu dan il-fatt xorta ma jezonerax lill-akkuzat mill-obbligu strett li jzomm "*a proper lookout*" b' mod li allura kellu jara sew minn qabel u jintebah li s-sinistrat kien qieghed kwazi f'nofs it-triq jaqsam minn quddiemu. Kien jinkombi fuqu d-dover illi joqghod aktar attent. Dan ghaliex kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968):-

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side……*"

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-fatt li l-akkuzat naqas milli jnizzel il-visor ta' kontra x-xemx[19], fil-hin li x-xemx kienet diretta faccata tieghu[20] pogga lilu nnifsu taht dik hekk imsejha "*self inflicted incapacity*" li mpedietu milli jara lill-vittma taqsam it-triq biex imbaghad ikun jista' jiehu l'"*evasive action* " opportuna. Dan in-nuqqas jikkostitwixxi wkoll imprudenza fis-sewqan li jammonta ghal sewqan b'manjiera traskurata.

---

[16] Il-Pulizja v Marthese Schembri, Appell Krminali deciza, 24 ta' Awissu, 1990.
[17] Il-Pulizija vs Alfonso Abela, il-Qorti tal-Appell Kriminali
[18] Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , Appell Kriminali, deciz 17 ta' Gunju, 1961.
[19] Ara affidavit ta' PS 1301 Christain Bonello, a fol 5 tal-process
[20] A fol 25 tal-process

Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti pero' ma tirravizax fis-sewqan ta' l-akkuzat dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan periklouz u dana fid-dawl illi jekk sewqan hux negligenti jew bla kont jew inkella perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree"[21], u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom[22]. Minbarra hekk gie ukoll stabbilit li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness"[23] u "Recklessness" giet definita bhala "wilfully shutting one's eye"[24], fatt li ma rrizultax mill-provi.

Mill-banda l-ohra s-sewqan ikun negligenti jew traskurat meta jkun hemm nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali[25], kif effettivament sehh fil-kaz odjern meta x-xufier ma nizzilx il-visor tax-xemx.

Tenut kont ta' dan kollu fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqasijiet fis-sewqan ta' l-akkuzat hekk kif jirrizultaw mill-provi prodotti jinkwadraw ruhhom taht il-forma ta' sewqan b'manjiera traskurata, bla hsieb u b'nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u mhux ta' sewqan perikoluz.

F'dan l-istadju jrid jigi apprezzat li l-incident sehh fi triq fejn kien involut persuna li kienet qed taqsam l-istess triq. Illum il-gurnata l-kriterji illi jirrelegaw ir-responsabbilita reciproka kemm lis-sewwieq u kemm lil min ikun qed jimxi jew jaqsam it-triq huma stabbiliti fil-gurisprudenza. Di fatti gie repetutament ritenut li min ikun miexi fit-triq ghalkemm ghandu d-dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, ghandu wkoll id-dover li juza l-prudenza biex jaqsam. Irid jinghad pero' li jekk min ikun fit-triq miexi jkun negligenti, dan il-fattur ma jehlisx lix-xufier tal-karozza milli juza dak il-grad ta' diligenza li huwa mistenni minnu, u ghalhekk in-negligenza jew in-nuqqas ta' attenzjoni ta' min hu miexi fit-triq ma

[21] Puluzija vs. Alfred Vella, Vol. XLIV ; p. 933
[22] Pulizija vs. Hardingham , Appell. Kriminali , deciz 19.10.1963
[23] Pulizija vs. Charles Farrugia, Appell Kriminali XXXIX p. 1018.
[24] Pulizija vs. Joseph Aquilina , Appell Kriminali, 20.4.1963
[25] Pulizija vs. Antonio Spiteri , Appell Kriminali, Vol. XLIV , p.892

xxejjinx ir-responsabbilita ta' min ikun qed isuq vettura fl-istess triq illi juza l-prudenza u l-kawtela mistennija minnu.

Fil-kaz odjern l-incident in kwistjoni jikkonsisti f'investiment ta' persuna illi kienet qed taqsam triq principali minn vettura li kienet qed tigi misjuqa fl-istess triq. Mill-atti jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-akkuzat kienet ghaddejja fuq in-naha t-tajba tat-triq. F'kazijiet fejn persuna tittajjar minn karozza huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet ta' dritt, apparti l-ovvju li l-persuna koncernata trid toqghod attenta minn fejn ser taqsam, kif ser taqsam u meta ser taqsam.

Mill-iskizz ta' l-incident[26] jirrizulta li l-karreggjata fejn sehh l-impatt hija 3.8m wiesgha mit-tarf tal-bankina sa nofs it-triq. L-impatt sehh f'distanza ta 2.1m barra mill-bankina, jigifieri kwazi f'nofs it-triq. Jirrizulta illi ma kienx hemm karozzi pparkjati fit-triq. Jirrizulta wkoll li s-sinistrat kien ftit passi wara l-ewwel grupp li qasam ghan-naha l–ohra. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali[27] fejn kien gie deciz li:

"*Jekk il-pedestrian ma jaghmel ebda att li bih qieghed l-awtista fi stat ta' sinistru inevitabbli bhal meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat u johloq emergenza subitanea, id-driver ma jistax jallega b' difiza tieghu jekk jigi f' kollizzjoni ma' dak il-pedestrian il-fatt li dan kien fil-karreggjata.*"

Dan il-hsieb gie mbaghad elaborat sena wara meta l-Qorti kkonkludiet li[28]:

"*Meta ma hux il-kaz ta' pedestrian li jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfacca ghall-gharrieda minn wara xi vettura ohra, jew li johrog minn xi kurva tat-triq, jew li jitfacca ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem*

[26] A fol 20 tal-process
[27] Il-Pulizija v Joseph Thornton, Appell Kriminali, deciza 18 ta' Marzu, 1961
[28] Il-Pulizija v Wisq Nobbli Markiz A. Cassar Desain, deciza 13 ta' Jannar, 1962

*il-karozza, u kazijiet simili d-driver li jinvesti lil dak il-pedestrian ma jistax jinkolpah u jitfa' fuqu l-htija ghall-investiment.*"

Mill-fatti kollha pprezentati lil din il-Qorti ghall-iskrutinju taghha minn imkien ma jirrizulta li s-sinistrat ghamel xi manuvra azzardata. Ghalkemm huwa minnu li s-sinistrat ma ghamilx uzu miz-*zebra crossing* li hemm fit-triq madankollu kif diga' osservat din il-Qorti, is-sinistrat kien diga' kwazi fin-nofs tat-triq meta safa' mtajjar. Hija l-fehma tal-Qorti li xufier ta' vettura ma jistax jinjora l-prezenza fit-triq ta' pedestrians li minn hin ghall-hin jaqsmu t-triq quddiemu. Ghalhekk irid joqghod attent f'kull hin ghall-qsim ta' persuni minghajr ma jikkreja ncidenti. Kif gia nghad huwa dover ta' kull xufier li jzomm *proper look out* sabiex jara quddiemu sewwa. F'dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma illi x-xufier ma setax izomm *proper lookout* ghax kellu d-dija tax-xemx li kienet niezla diretta f'ghajnejh u kif diga' nghad qabel huwa naqas milli jnizzel il-*visor* tax-xemx u ghalhekk holoq ghalih innifsu sitwazzjoni fejn kien qed isuq minghajr vizwali cara quddiemu.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u l-insenjamenti l-Qorti hija ta' l-opinjoni li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta ta' l-akkuzat ma' dik tal-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-*bonus paterfamilias*, jigifieri ma' dik il-kondotta wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali. Dan l-ezercizzju komparattiv iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant u fl-istess hin ihallih liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz li jkollu quddiemu.

Infatti l-Qrati Maltin rinfaccati f'xenarji bhal dak in ezami dejjem poggew id-dmirijiet u d-drittijiet tal-persuna fit-triq fil-keffa tal-mizien mad-drittijiet u responsabiltajiet tax-xufier u nfatti gie kemm-il darba ritenut li ghalkemm il-*pedestrian* ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Pero' gie enfasizzat ukoll illi kemm-il darba l-pedestrian ikun negligenti dan ma jassolvix lix-xufier milli juza dak il-grad ta' '*reasonable care*' li tinhtieg. Sabieb xufier jirnexxi fid-difiza tieghu li l-incident sehh tort tal-persuna li

kienet qed taqsam huwa jrid jipprova li l-persuna li kienet qed taqsam holqot emergenza subitanea mprevedibbli u li allura rrendietu f'impossibilita' li jirrejagixxi sabiex jevita l-incident. Mill-atti ma jirrizultax il-prova li s-sinistrat holoq din l-emergenza subitanea.

Li jirrizulta mill-provi jirrizulta huwa li s-sinistrat qasam it-triq minghajr ma ghamel uzu miz-*zebra crossing*. Jirrizulta wkoll illi fit-triq fejn sehh l-incident hemm tnejn. Ghalkemm s-sinistrat fix-xhieda tieghu afferma illi huwa kellu sieq wahda fuq iz-*zebra crossing* pero' din il-verzjoni hija kontradetta mix-xhieda ta' diversi persuni li xehdu waqt il-kawza. Meta qieset il-fatti kollha l-Qorti tikkonkludi li l-verzjoni taz-zaghzugh ma ghandhiex mis-sewwa u ma temminx illi huwa kien fuq iz-*zebra crossing* meta kien qed jaqsam. Hija tal-fehma li s-sinistrat kien miexi wara shabu li kienu waslu fuq in-naha l-ohra tat-triq u ghazel li jaqsam warajhom, anke ghax kif jirrizulta mill-iskizz ta' l-incident, iz-*zebra crossing* jirrizulta li hija 30metru 'l boghod mill-point of impact. Il-Qorti temmen li s-sinistrat ra li kien ser ikollu jimxi aktar biex jaqsam minn fuq iz-*zebra crossing* u ddecieda li jaqta' fil-qasir u qabad u qasam it-triq minghajr ma hares fid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-vettura misjuqa mill-akkuzat. Huwa fatt ukoll pero' li l-akkuzat tajjar lis-sinistrat meta dan kien kwazi f'nofs it-triq, u dan huwa fatt importanti ghall-evalwazzjoni ta' responsabbilita u l-eventwali htija.

Fid-dawl ta' dak li nghad dwar l-agir tas-sinistrat il-Qorti tosserva li l-Highway Code jistipula illi meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq ghandhom jigu mharsa s-segwenti regolamenti:

*"23. Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk ihallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun gej xi hadd. Tersaqx qrib hafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk zomm lura mit-tarf tat-triq izda kun zgur li tista' tara t-traffiku li jkun gej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek."*

*"24. Hares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistggu jigu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, ghax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah."*

*"25. Jekk tkun gejja xi vettura, halliha tghaddi. Erga' hares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugh minghajr periklu fit-traffiku u inti tkun zgur li hemm hafna hin. Ftakar, anke jekk vettura ghadha 'l boghod, tista' tkun riesqa b'velocita kbira."*

*"26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx la genba. Ibqa' hares u ssemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda."*

Illi inoltre l-istess Highway Code meta jitratta dwar zebra crossings jaghmilha cara illi:

*"43. Fejn ikun hemm post ta' qsim ghall-pedestrians (jew subway) jew f'distanza ta' madwar 50 metru 'l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x'imkien iehor"*

Fil-kaz odjern, kif diga' osservat il-Qorti kif evidenzjat mill-pjanta esebita fil-process tletin metru 'l boghod minn fejn ittajjar is-sinistrat kien hemm *zebra crossing* u ghalhekk il-vittma setghet qasmet minnha, pero' ghazlet li taghmel xort'ohra. Hawnhekk isorgi l-argument tan-negligenza kontributorja. Fil-fatt kif jghid il-Professur Mamo fin-Noti tieghu f'paġina 72 jghid li

*"Contributory negligence on the part of the victim is not a ground of defence … because the Republic and not the deceased or his representative is the plaintiff … It may perhaps be a ground for lightening the sentence.'*

F 'sede kriminali persuna akkuzata b'sewqa perikoluz, traskurat u negligenti trid twiegeb ghall-agir taghha ndipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. Dana qed jinghad stante li l-"*contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru[29]. Issa fil-kaz odjern hija l-fehma ta' din il-Qorti li s-sinistrat ma ghamilx sewwa bil-mod kif qasam triq principali qabel iz-*zebra crossing* pero' xorta wahda tqis li s-sewwieq akkuzat Chalie Muscat huwa hati ta' sewqan traskurat ghax ma rax il-vittma qabel l-incident u dan billi kellu x-xemx f'ghajnejh minhabba li ma nizzilx il-visor. Il-Qorti temmen illi l-incident xorta wahda kien isehh anke kieku s-sinistrat kien fuq iz-*zebra crossing* ghax il-fatt hu li l-akkuzat ma kienx qed jara quddiemu. Din il-konvinzjoni l-Qorti waslet ghaliha wara li fliet

[29] App.Krim." Il-Pulizija vs P. Vassallo", Appell Kriminali ,Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883.

sew il-faxxikolu tar-ritratti esebiti[30] kif ukoll ir-ritratt a fol 85 u r-ritratt a fol 25 tal-process. Fir-ritratti a fol 126 u fol 85 jidher car iz-*zebra crossing* kif ukoll il-fatt li t-triq hemmhekk hija dritta minghajr kantunieri u ostakoli li jistghu jfixklu l-vizwali tax-xufier. Fir-ritratt a fol 25 id-dija tax-xemx fit-triq hija cara wkoll. Ma hemmx dubju f'mohh din il-Qorti li n-nuqqas ta' l-akkuzat li "*….jara sew x' qed jigri quddiemu kien kawza prossima w determinanti ta' l-incident. Lanqas ma jirrizulta li l-appellant kien rinfaccjat minn xi emergenza subitanea. Fil-kaz in ezami bil-fatt li l-appellant jidher li ma kienx qed izomm "proper lookout", kien pogga ruhu taht dik li tissejjah "a self inflicted incapacity" li jirmedja tempestivament ghal xi moviment tal-pedestrian - jekk verament kien hemm - li seta' b' xi mod ikkaguna l-incident."*[31]

Ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u naspettati. Jigi rilfess li ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Rigward **it-tieni akkuza** d-difiza argumentat ukoll illi fuq il-post ta' l-incident ma nstabu l-ebda brejk marks li setghu jindikaw li l-imputat kien ghaddej b'xi speed eccessiv aktar minn dak permess mil-ligi. Jirrizulta minn dak li stqarr l-imputat stess li ma' l-impatt huwa baqa' sejjer imbaghad irriversja. Tinnota li anke x-xhieda tal-persuni li kienu jinsabu mexjin fit-triq hija konfliggenti – ix-xhieda moghtija miz-zaghzagh francizi hija li l-akkuzat kien ghaddej bi speed eccessiv, izda mbaghad hemm xhieda ohra[32] li xehdu li l-karozza kienet ghaddejja bi *speed* normali. Fid-dawl ta' din ix-xhieda u fin-nuqqas ta' prova lil inhinn minn kull dubju li l-akkuzat kient qed isuq b'velocita' in eccess tal-limitu permess f'dik iz-zona, il-Qorti tqis li din l-akkuza ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk ser tillibera lill-akkuzat minn din l-akkuza.

---

[30] A fol 122 sa fol 129

[31] Il-Pulizija Spettur Jurgen Vella Vs Vincent Cassar , Qorti tal-Appell, 4 ta' Settembru, 2018.

[32] Ara xhieda a fol. 77 u 106 tal-process,

Fil-konfront tat-**tielet akkuza** cioe' li kkaguna feriti ta' natura gravi nvolontarjament minhabba kulpa, il-Qorti tosserva li meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigi ppruvat in-nexus li ghandu jezisti bejn l-att u r-rizultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista' jirrizulta culpa. Kif ikkonluda l-Imhallef Harding[33]: "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist……The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*" Fil-fatt Maino fil-ktieb tieghu Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286) jghid: "*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali[34] gie ritenut li: "*…Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma voluntarjeta' tal-atti w in-nuqqas ta' previzjoni ta' l-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi li ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief id-diligenza straordinarja, il-ligi ma tesigix u li se mai tista' ggib kolpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.*"

Fil-kaz in ezami pero' ma jistax jinghad illi l-effett dannuz ma kienx prevedibbli, ghax sewwieq diligenti ghandu jkun jaf illi meta jkollu x-xemx faccata b'tali mod illi ma tkunx qed thallih jara t-triq quddiemu, ghandu jnizzel il-visor tax-xemx. Min ma jaghmilx hekk u jiddeciedi illi jsuq xorta wahda jkun qed jirrendi ruhu responsabbli ghad-danni

---

[33] Il-Pulizija v Salvatore Camilleri, deciza 17 ta' Mejju, 1948

[34] Il-Pulizija vs John Vella, Appell Kriminali, deciza 15 ta' Frar, 1958.

kkagunti rizultat tan-nuqqas tieghu.  Kif diga' stabbilita aktar 'il fuq, ix-xufier naqas li jzomm *proper lookout* u dan wassal biex ittajjar is-sinistrat.

Rigward l-entita' ta' offiza il-Qorti ta' l-Appell Kriminali[35] qalet li "*Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…).  Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika".  It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati.  Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza*".

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, il-Qorti tinnota li kif jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda ta' Dr. Peter Muscat, ma ghandha l-ebda dubbju li l-griehi kienu ta' natura gravi u dunque tqis li t-tielet imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-akkuzat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-akkuzat ser jinstab hati taghha.

**DECIDE.**

Rigward il-piena illi ghandha tigi nflitta fil-konfront ta' l-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-akkuzat u li gew pruvati, il-Qorti hija tal-fehma li fl-ewwel lok ghandha tizen jekk is-"*sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w ndikata fil-kaz ta' offizi nvolontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd*

[35] Il-Pulizija vs Josep Azzopardi, deciza 30 ta Lulju, 2004.

*involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti. Inoltre l-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija ndubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa"*[36]

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Art. 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Art. 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Art 127(1) L.S.65.11 kif ukoll l-Art.17 tal-Kap.9 Ligijiet ta' Malta filwaqt li ssib lill-imputat Chalie Muscat hati ta' l-ewwel imputazzjoni fejn issir referenza ghal sewqan b'manjiera traskurata u hati tat-tielet imputazzjoni, izda mhux hati tat-tieni imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnha, tikkundannah ghall-multa komplessiva ta' elf u mitejn Euro (€1,200).

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien xahar li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Dr. Brigitte Sultana

Magistrat

Maureen Xuereb

D/Registratur

[36] Il-Pulizija vs. Alfonso Abela, Appell Kriminali, deciza fl-10 ta' Marzu 2005